V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10463 — SOCIÉTÉ GÉNÉRALE / HYUNDAI MOTOR COMPANY / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 467/05)

1. Fil-11 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Compagnie Générale de Location d'Equipements S.A. ("CGL", Franza), ikkontrollata minn Société Générale, S.A. ("Société Générale", Franza),

— Hyundai Capital Services Inc. ("HCS", il-Korea t'Isfel), ikkontrollata minn Hyundai Motor Company (il-Korea t'Isfel), u

— Sefia SAS (il-joint venture, "JV", Franza), ikkontrollata minn Société Générale (Franza).

— Société Générale u Hyundai Motor Company jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-JVs.

— Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CGL: bħala istituzzjoni ta' kreditu li hija attiva fil-finanzjament ta' oġġetti kapitali (karozzi, dgħajjes, djar mobbli), il-konsolidazzjoni tas-self tal-konsumaturi jew tal-proprjetà immobbli u l-finanzjament tal-istokks tal-fornituri tal-oġġetti sħab. CGL hija parti mill-grupp Société Générale, grupp Franċiż tas-servizzi finanzjarji attiv f'diversi Stati Membri taż-ŻEE,

— HCS: il-fergħa tas-servizzi finanzjarji tal-Hyundai Motor Company,

— il-JV: toffri soluzzjonijiet ta' finanzjament awtomobilistiku, pereż. self u lokazzjonijiet, u servizzi relatati, bħad-distribuzzjoni ta' assigurazzjonijiet.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10463 – SOCIÉTÉ GÉNÉRALE / HYUNDAI MOTOR COMPANY / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË